# Robert Samut: il-Kompożitur Furjaniż tal-Innu Nazzjonali Malti

*Minn Stephen Camilleri CPA (pc), B Com, B Accty (hons), PGCE (Bus. Stud)*



Robert Samut twieled fit-12 t'Ottubru 1869 fid-dar magħrufa bħala *Casa Leone* fil-Furjana. Sa minn żgħożitu kellu inklinazzjoni kbira lejn il-mużika. Kien idoqq il-pjanu u kien tajjeb fil-kompożizzjoni, għalkemm qatt ma studja l-mużika b'mod professjonali. Fil-fatt, għalkemm Robert kien imħajjar jistudja l-mużika, minħabba li ħutu kienu tobba, missieru xtaq li Robert ukoll ikompli f'dik il-linja. Għalhekk Robert studja l-mediċina fl-Università Rjali ta' Malta u f'dik ta' Edinburgh minn fejn ħa wkoll midalja għas-suċċess li għamel fil-qasam tal-anatomija.

Kif Robert wasal Malta, inħatar professur tal-Fisjoloġija u Batterjoloġija fl-Università ta' Malta u nħatar ukoll speċjalista tal-Patoloġija fl-Isptar Ċentrali (fejn illum hemm il-Kwartieri ġenerali tal-Pulizija). Fl-1897 Prof. Robert Samut ngħaqad bħala tabib mal-King's Own Malta Regiment, u fl-1900 ingħata l-grad ta' Kaptan, u ta' maġġur fl-1909.

Fl-1908 fil-belt ta' Messina kien hemm terremot qawwi li ħalla diżastru kbir u diversi nies midruba. Samut mar jagħti l-għajnuna tant meħtieġa tiegħu ta' tabib. Ix-xogħol tiegħu tant kien apprezzat li r-Re tal-Italja ħatru *Cavaliere Ufficiale della Corona d'Italia*, u ngħata wkoll ir-*Red Cross Diploma*.

Waqt l-Ewwel Gwerra Dinjija, fl-1915 ġie mibgħut mar-reġiment tiegħu Ċipru fejn ingħata l-inkarigu li jmexxi il-*Forest Military Hospital* f'Limassol. Hawnhekk ukoll ix-xogħol tiegħu kien apprezzat ħafna u ssemma ħafna fil-ġid f'diversi rapporti lill-kapijiet tal-armata, u rċieva wkoll medalja bħala apprezzament għas-servizz tiegħu.

Fl-1915, wara l-mewt ta' ħuh il-Prof. Carmelo Samut, Robert kien appuntat bħala professur tal-Anatomija u l-Patoloġija fl-Università Rjali ta' Malta. Dan minbarra ż-żewġ pożizzjoniiet li diġà kien jokkupa fl-istess Università. Ironikament, dan l-inkarigu kien li kkawża l-mewt ta' Robert Samut. Huwa kien ġie mqabbad jagħmel awtopsja fuq katavru ta' mara li mietet b'marda stramba, u għal xi raġuni ttieħed bl-istess marda huwa wkoll.

Għalkemm imħabbat b'dan ix-xogħol importanti tal-Univeristà, Samut xorta baqa' jagħmel il-visti fid-djar lill-pazjenti bħal tabib komuni. F'dan il-perjodu wara l-ewwel gwerra, u speċjalment minħabba l-ġrajjiet li wasslu għall-irvellijiet tas-*Sette Giugno*, ħafna Furjaniżi kienu fqar ħafna, u għalhekk Samut kien jinvistahom mingħajr ħlas.

Kien matul dan il-perjodu li twieled l-Innu Malti – dak li għalih jibqa' mfakkar l-aktar Robert Samut. Meta Samut kien għadu qiegħed jistudja f'Edinburgh, kienu talbuh biex ikantalhom l-Innu Malti. Dak il-ħin, Robert intebaħ li kienet ħasra li Malta ma kellhiex, u għalhekk xtaq jagħmel xi ħaġa biex jirrimedja. Ikkompona ftit noti sempliċi u kanta lilhom bħala l-Innu Nazzjonali Malti biex ma jwaqqax lil Malta għaċ-ċajt mal-barranin. Dawn in-noti Samut nesiehom minħabba t-taħbit tax-xogħol.

Fl-1920, Dr Albert Laferla, direttur tal-iskejjel primarji, li kien jaf bil-kapaċitajiet mużikali ta' Samut, talbu jikkomponi innu biex jitkanta mit-tfal tal-iskola. Robert ftakar f'dawk in-noti sempliċi li kien ikkompona f'Edinburgh, aktar minn għoxrin sena qabel, u kompla fuqhom biex ikkompona l-innu preżenti. Dr. Laferla għadda l-mużika lil Dun Karm Psaila biex jikteb il-versi. Huwa fatt kurjuż li l-ewwel inkitbet il-mużika imbagħad il-versi. Is-soltu dejjem isir bil-maqlub. Sa hawn, ma kienet l-intenzjoni ta' ħadd li jinħoloq Innu Nazzjonali.

Sadanittant fl-1922 Robert Samut inħatar kurunell. F'dan iż-żmien il-virus li kien ħa minn dik l-awtopsja kien daħal il ġewwa, u saħħtu bdiet tmur lura. Fl-1923 l-'Innu Malti' ndaqq għall-ewwel darba fil-pubbliku waqt kunċert fit-Teatru Manoel. Għal xi snin l-innu beda jindaqq fiċ-ċerimonja tat-8 ta' Settembru, sakemm fl-1936 il-banda King's Own talbet lis-Surmast Vincenzo Ciappara jaddatta l-innu għall-banda u ndaqq f'din il-verżjoni għall-ewwel darba fit-8 ta'Settembru tal-istess sena. Ħafna baned f'Malta għamlu l-istess. Fis-27 ta' Frar 1941 dan l-innu ġie uffiċjalment dikjarat bħala l-Innu Nazzjonali Malti.

Madankollu Samut ma kellux jara s-suċċess li għamel l-innu li kkompona. Mar l-Awstralja bit-tama li l-vjaġġ bil-baħar jagħmillu tajjeb għal saħħtu. Madankollu kien bil-maqlub. Wara ftit taż-żmien l-Awstralja reġa' ġie lura Malta fejn mar joqgħod għal xi snin mat-tifla tiegħu f'Tas-Sliema. Il-marda kienet daħlet 'il ġewwa u Samut miet ftit wara nofsinhar, fis-26 ta' Mejju 1934 fl-età ta' 64 sena.

Aħna l-Furjaniżi għandna nkunu kburin b'dan il-personaġġ li għex u ħadem fil-lokalità tagħna u kkontribwixxa bil-kbir biex ingħatat identità lill-poplu Malti. Fil-Furjana għandna pjazza, quddiem id-dar fejn twieled, imsemmija għalih, kif ukoll il-Knisja tal-Metodisti – Sala Robert Samut - li llum tintuża għal kunċerti u għal bosta attivitajiet mużiko-letterarji. B'dispjaċir, huma ftit il-Furjaniżi li jafu li Robert Samut kien wieħed minna u li kien strumentali biex inħoloq l-Innu Malti li żied mal-kisba tal-identità tal-poplu Malti.

Meta sar il-monument ta' Dun Karm fit-tarf ta' Triq Sant'Anna kienu ħafna li wrew ix-xewqa li jsir monument ieħor, fuq in-naħa l-oħra tat-triq, lil Robert Samut. Tajjeb li dan il-punt jitla' fuq l-aġenda tal-Kunsill Lokali, kif ukoll fuq l-aġenda nazzjonli biex dan il-monument isir. B'hekk ikollna tifkira dejjiema tal-kompożitur tal-Innu Nazzjonali Malti li bħalissa hija nieqsa.




*Casa Leone fejn twieled Robert Samut*

**Riferenzi:**

http://en.wikipedia.org/wiki/Robert_Samut

http://www.allmalta.com/folklore/p_032.html

http://www.topfamousbiography.com/biography/24478/robert_samut_biography.html

**GENERAL STORE**

**L-uniku wieħed fil-Floriana**
**Li huwa SELF SERVICE**
**l-Aħjar Servizz bl-irħas prezzijiet**

**71, TRIQ SAN TUMAS**
**FLORIANA**

**Telephone: 21 243822**